**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 29 ta' Ottubru 2020**

Rikors Numru: 224/20 AL

A B C

vs

D sive D E gija C

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrent li permezz tiegħu espona:

1. Illi l-partijiet iżżewġu bir-reġistru fit-tmintax ta' Settembru tas-sena elfejn u erba' (18/9/2004) (Ċertifikat anness Dok AM 1).

2. Illi minn dan iż-żwieġ il-partijiet m'għandhomx tfal.

3. Illi l-partijiet isseparaw legalment minn xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali fl-atti tan-Nutar Dottor Peter Fleri Soler tat-23 ta' Novembru 2017 (Vide Dok AM 2 anness) b' dan illi l-partijiet ilhom separati de facto sa' mit-3 ta' Novembru 2015.

4. Illi m'hemm ebda prospett raġonevoli ghal rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi mhux biss ilhom snin twal mifrudin, iżda saħansitra għandhom ħajja totalment separata minn xulxin.

5. Illi m'hemm ebda manteniment dovut lill-intimata stante li ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni l-partijiet irrinunzjaw għall-manteniment reċiproku.

6. Illi għalhekk il-kundizzjonijiet kollha maħsuba fl-artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta huma sodisfatti.

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ tal-partijiet.

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk minn din il-Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju/ ħall taż-żwieġ tal-partijiet sabiex dan jiġi debitament reġistrat skont il-liġi.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-intimata a fol 11 li permezz taghha esponiet:

1. Illi l-esponenti żżewġu Malta nhar it-tmintax (18) ta' Settembru tas-sena elfejn u erba' (2004) u ż-żwieġ huwa rreġistrat fir-Reġistru ta' Malta;

2. Illi minn dan iż-żwieġ ma kellhomx tfal;

3. Illi l-partijiet huma legalment separati b'kuntratt redat minn Nutar Dottor Peter Fleri Soler fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Novembru tas-sena elfejn u sbatax (2017);

4. Illi l-partijiet ilhom jgħixu separatament għal aktar minn erba' (4) snin u b'hekk jissodisfaw il-kriterja tal-Artikolu 66B;

5. Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għall-rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi ilhom snin separati de facto u illum il-ġurnata għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;

6. Illi skont il-kuntratt ta' separazzjoni, ma hemm l-ebda manteniment dovut lill-partijiet stante li fih irrinunzjaw għall-manteniment reċiproku;

Għaldaqstant, in vista tas-suespost, stante li l-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l-artiklu 66B tal-Kodiċi Ċivili (Kap 16) tal-Liġijiet ta' Malta, l-esponenti m'għandha l-ebda oġġezzjoni li jiġi pronunzjat il-ħall taż-żwiep bejn il-partijiet a tenur tal-artikolu 66 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta u li jiġi ordnat ir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien mħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex l-istess jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Bl-ispejjeż kontra ir-rikorrenti.

Rat id-dokumenti  li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-28 ta' Lulju, 2020;

Rat ir-risposta tal-intimata li ġiet ikkomfermata minnha bil-ġurament;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mit-23 ta' Novembru, 2017 u de facto separati sa mit-3 ta' Novembru, 2015.

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti takkorcja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.